Spejjeż

Malta

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji f'Malta.

Liġi tal-Familja – kustodja tat-tfal
Liġi tal-Familja – alimenti
Liġi Kummerċjali – kuntratt
Liġi Kummerċjali – responsabbiltà

Qafas regolatorju li jirregola d-drittijiet tal-professjonijiet legali

Id-drittijiet tal-professjonisti legali huma regolati skont it-Tariffa E tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (KOPĊ), jiġifieri l-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Avukati

Id-drittijiet mitluba mill-avukati huma regolati mit-Tariffa E tal-Iskeda A annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Meta jistabbilixxu d-dritt tagħhom l-avukati huma ggwidati wkoll mill-Kodiċi ta' Etika u ta' Kondotta għall-Avukati; id-dritt jiġi stabbilit jew mill-avukat innifsu jew bi qbil mal-klijent tiegħu. Il-Kodiċi ta' Etika jikkunsidra li dritt ikun raġonevoli jekk ikun konformi ma' fatturi stabbiliti, fost l-oħrajn, iż-żmien meħtieġ, in-novità u d-diffikultà tal-kwistjonijiet involuti; ir-responsabbiltà merfugħa, il-limiti ta' żmien, in-natura u t-tul tar-relazzjoni professjonali; l-esperjenza, ir-reputazzjoni u l-ħila tal-avukat, id-drittijiet li jistgħu jiġu rkuprati mingħand il-parti l-oħra.

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fi proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili

L-ispejjeż fissi għall-partijiet ivarjaw skont in-natura tal-kawża u jekk ikollhiex valur monetarju.

L-istadju tal-proċediment ċivil fejn iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi għall-partijiet

Id-drittijiet għall-preżentazzjoni u tar-reġistru għandhom jitħallsu meta jiġu ppreżentati l-proċedimenti ġudizzjarji.

Fi tmiem proċedura ġudizzjarji, jiġi ppreżentat kont intaxxat tal-ispejjeż. Jekk id-drittijiet tar-reġistru kkalkulati jeċċedu dak li jkun tħallas meta kienet ippreżentata l-kawża, id-differenza għandha tiġi kkalkulata u mitluba mingħand il-parti li ppreżentat il-kawża.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kriminali

Ma ssir l-ebda spiża fil-proċedimenti kriminali.

L-istadju tal-proċediment kriminali fejn iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi għall-partijiet

Fil-proċedimenti kriminali, ma jingħatawx l-ispejjeż tal-partijiet ċivili. Minkejja dan, fi tmiem kawża, il-qorti tista' tordna lill-akkużat biex iħallas l-ispejjeż tal-esperti li tkun għamlet il-prosekuzzjoni.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kostituzzjonali

Id-drittijiet għall-kawżi kostituzzjonali fl-ewwel istanza huma kif ġej:

Preżentata tar-rikors	€58.53
Dritt tar-reġistru	€58.23
Notifika tal-atti (għal kull notifika)	€6.99

Id-drittijiet tal-professjonisti legali mitluba fi tmiem il-kawża jistgħu jvarjaw minn minimu ta' €46.49 għal massimu ta' €698.81. Spejjeż professjonali oħrajn li jistgħu jsiru f'kawża huma: €46.59 għal kull applikazzjoni minuri ppreżentata; €9.32 għal kull ċitazzjoni; €23.29 għal affidavit, €4.66 għall-kopji tal-atti, u €186.35 għas-sottomissjonijiet bil-miktub.

L-istadju tal-proċediment kostituzzjonali fejn iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi għall-partijiet

L-ispejjeż jitħallsu meta jiġu ppreżentati l-proċedimenti.

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn qabel mir-rappreżentanti legali

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

L-avukati għandhom jittrattaw mal-klijenti tagħhom skont il-**Kodiċi ta' Etika** mfassal mill-**Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja**. Il-kodiċi jagħti lill-avukati diversi dmirijiet fir-rigward tal-klijenti tagħhom. Madankollu, l-obbligi li ssemmew iktar 'il fuq mhumiex riflessi fil-kodiċi.

L-ispejjeż involuti li għandha tbatihom il-parti li tirbaħ

Il-parti li tirbaħ normalment tirkupra l-ispejjeż ġudizzjarji kollha sakemm is-sentenza miksuba tikkundanna lill-parti li titlef biex tbati l-ispejjeż.

L-ispejjeż involuti li għandha tbatihom il-parti li titlef

Il-parti li titlef għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-ispejjeż tal-parti li tirbaħ.

Sorsi tal-ispejjeż

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż f'Malta?

It-Tariffi A sa L tal-KOPĊ (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jinkludu d-diversi spejjeż u drittijiet dovuti fil-proċeduri tal-qrati. Jista' jkollok aċċess għalihom fis-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

B'liema ilsna nista' nikseb informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż f'Malta?

Il-liġijiet kollha jiġu abbozzati bil-**Malti** u bl-**Ingliż**, peress li dawn huma l-ilsna uffiċjali ta' Malta.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

Informazzjoni dwar il-medjazzjoni hija disponibbli fis-sit elettroniku taċ-Ċentru għal Medjazzjoni ta' Malta.

Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?

Sit elettroniku disponibbli dwar informazzjoni dwar l-ispejjeż

It-taqsima tas-Servizzi Legali tas-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali tagħtik:

Il-**leġislazzjoni** nazzjonali prinċipali u sussidjarja kollha
Il-**pubblikazzjonijiet legali**, inklużi l-Atti, l-Abbozzi tal-Liġijiet, l-avviżi legali u l-ordinamenti.
Fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju li jieħdu l-proċeduri differenti?
M'hemm l-ebda informazzjoni speċifika dwar it-tul tad-diversi proċeduri. Madankollu, fis-sit elettroniku tal-Qrati tal-Ġustizzja tista' ssib dejta li tinkludi informazzjoni u statistika dwar il-kawżi li, kull xahar, qed jiġu introdotti, mismugħa u deċiżi mill-qrati.
Darbtejn fis-sena, f'dan is-sit tiġi ppubblikata **analiżi tat-tul ta' żmien**, fejn jiġi indikat kemm ilhom għaddejjin il-kawżi li qed jinstemgħu minn kull imħallef u maġistrat fil-qrati u fit-tribunali ċivili kollha.
Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispiża medja aggregata għal proċedura partikolari?
Ara iktar 'il fuq.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Kif inhi pprovduta din l-informazzjoni?
L-ispejjeż kollha tar-reġistru huma eżenti mill-VAT. Madankollu, trid titħallas VAT ta' 18 fil-mija fuq id-drittijiet indikati fit-tariffi u li jitħallsu lill-arbitri legali, lill-avukati rispettivi tal-partijiet u lil esperti oħrajn imqabbdin mill-qorti.

Għajnuna Legali

Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja ċivili
Għalkemm hemm eċċezzjonijiet għal ċerti tipi ta' proċedimenti, persuna ġeneralment tikkwalifika għall-għajnuna legali jekk:
Hija ma jkollhiex proprjetà tal-ebda xorta b'valur nett li jammonta għal jew jaqbeż is-€6988.22, mhux inklużi l-oġġetti tad-dar ta' kuljum ikkunsidrati bħala raġonevoli u meħtieġa għall-applikant u għall-familja tiegħu
Id-dħul annwali tagħha ma jkunx ogħla mill-paga minima nazzjonali stabbilita għal persuni ta' 18-il sena jew iktar.
Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-akkużati
Il-liġi ma tippreskrivix limitu speċifiku. Madankollu, l-għajnuna legali għall-akkużati fil-kawżi kriminali tingħata bħala dritt meta l-akkużat ma jkunx jista' jqabbad avukat jew meta huwa jitlob il-benefiċċju tal-għajnuna legali.
Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi
Il-liġi ma tippreskrivix limitu speċifiku. Madankollu, l-Unità tal-Ġustizzja – barra kwalunkwe avukat privat imqabbad mill-vittma – bil-liġi għandha tipprovdi kull assistenza u appoġġ meħtieġ lil kwalunkwe vittma ta' delitt, bil-għan aħħari li jkun provdut il-kumpens dovut.
Kundizzjonijiet oħrajn sabiex tingħata l-għajnuna legali għall-vittmi
M'hemm l-ebda kundizzjoni oħra sabiex jingħataw assistenza u appoġġ lill-vittmi tad-delitti. Madankollu, l-allegati vittmi jkunu mistennija li jagħtu l-informazzjoni kollha mitluba u li jkollhom fil-pussess tagħhom, u li joffru kooperazzjoni sħiħa lill-**Unità tal-Ġustizzja u lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali**.
Kundizzjonijiet oħrajn sabiex tingħata l-għajnuna legali għall-akkużati
M'hemm l-ebda kundizzjoni oħra biex tingħata l-għajnuna legali lill-akkużati. Madankollu, il-liġi tagħti lill-**Avukat tal-Għajnuna Legali** d-dritt li ma jaċċettax l-għajnuna għal kwalunkwe raġuni li, fl-opinjoni tal-qorti, prima facie (mal-ewwel daqqa ta' għajn) tiġġustifika r-rifjut. Madankollu, anki f'dan il-każ, il-liġi tesiġi li l-qorti tisgura ruħha li l-akkużat ikun rappreżentat billi hija stess tqabbad avukat biex jiddefendih.
Proċedimenti tal-qorti mingħajr spejjeż
Il-proċedimenti kollha tal-qorti jkunu mingħajr spejjeż ladarba parti tingħata l-benefiċċju tal-għajnuna legali.

Meta għandha l-parti li titlef tħallas l-ispejjeż tal-parti li tirbaħ?

Hija biss il-prerogattiva tal-qorti li tiddeċiedi kif għandhom jitqassmu u jingħataw l-ispejjeż ta' kawża. M'hemm l-ebda regola ta' prattika.

Drittijiet tal-esperti

Id-drittijiet tal-esperti huma rregolati mit-Tariffa G u K tal-KOPĊ (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Drittijiet tat-tradutturi u tal-interpreti

Skont it-Tariffa B tal-Kapitolu 12 tal-**Liġijiet ta' Malta**, għal kull traduzzjoni meħtieġa bil-liġi jew mill-qorti:
Id-dritt tar-reġistru huwa ta' €34.94.
Id-dritt li jista' jitħallas lill-interpretu jvarja bejn €11.65 u €58.23 fid-diskrezzjoni tar-Reġistratur.
It-tradutturi jitħallsu b'rata minn €11.65 sa €58.23 kull dokument, li hu wkoll fid-diskrezzjoni tar-Reġistratur.

Links relatati
Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Ċentru Malti tal-Arbitraġġ
Taqsima tas-Servizzi Legali
Qrati tal-Ġustizzja

Dokumenti relatati
Rapport ta' Malta rigward l-Istudju dwar it-Trasparenza tal-Ispejjeż PDF (742 Kb) en
L-aħħar aġġornament: 02/11/2020
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 2 – liġi tal-familja – kustodja tat-tfal - Malta
F'dan l-istudju dwar il-liġi tal-familja – kustodja tat-tfal, l-Istati Membri ntalbu biex jinfurmaw lill-parti li tiftaħ il-kawża dwar l-ispejjeż tal-kawża sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:
Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Żewġ persuni ilhom jgħixu flimkien għal għadd ta' snin, mingħajr ma żżewġu. Għandhom wild ta' tliet snin meta jisseparaw. Deċiżjoni tal-qorti tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm u dritt ta' aċċess għall-missier. L-omm tiftaħ kawża biex tillimita d-dritt tal-missier għall-aċċess.
Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali fejn inti avukat fi Stat Membru A: Żewġ persuni ilhom jgħixu flimkien għal għadd ta' snin fi Stat Membru (Stat Membru B), mingħajr ma żżewġu, għal għadd ta' snin. Għandhom wild flimkien iżda jisseparaw immedjatament wara li l-wild jitwieled. Deċiżjoni tal-qorti fi Stat Membru B tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm bi dritt ta' aċċess għall-missier. L-omm u l-wild imorru jgħixu fi Stat Membru ieħor (Stat Membru A) kif huma awtorizzati biex jagħmlu permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti u l-missier jibqa' fi Stat Membru B. Wara ftit snin, l-omm tiftaħ kawża fi Stat Membru A biex tbiddel id-dritt tal-missier għall-aċċess.

Spejjeż f'Malta

Spejjeż għall-Qorti, Appelli u Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

	Qorti	Appelli	ADR

Studju ta' każ								
	Drittijiet inizjali tal-qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Drittijiet inizjali tal-qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Din l-għażla hija miftuħa għal dan it-tip ta' każ?	Spejjeż
Każ A	€181.68	M/A	M/A	€98.99	M/A	€116.47	Iva	
Każ B	€181.68	M/A	M/A	€98.99		€116.47	Le	

Spejjeż tal-avukat, tal-marixxall u tal-espert

Studju ta' każ	Avukat		Marixxall			Espert	
	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż medji	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż ta' qabel s-sentenza	Spejjeż ta' wara s-sentenza	L-użu huwa mandatorju?	Spiża
Każ A	Iva	Minn minimu ta' €81.53 sa €174.70	Mhux obbligatorja	M/A	M/A	Le	M/A
Każ B	Iva	Minn minimu ta' €81.53 sa €174.70	Mhux obbligatorja	M/A	M/A	Le	M/A

L-ispejjeż għall-kumpens tax-xhieda, għal pleġġ jew garanzija u drittijiet oħrajn relevanti

Studju ta' każ	Kumpens għax-xhieda		Rahan jew garanzija		Drittijiet oħra	
	Ix-xhieda jiġu kkumpensati?	Spiża	Dan jeżisti u meta jeżisti kif jintuża?	Spiża	Deskrizzjoni	Spiża
Każ A	Le	M/A	Mandat kawtelatorju għall-ammont mitlub	€23.28	M/A	M/A
Każ B	Le	M/A	Mandat kawtelatorju għall-ammont mitlub	€23.28	M/A	M/A

Spejjeż għall-għajnuna legali u rifużjonijiet oħra

Studju ta' każ	Għajnuna Legali		
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet din hija applikabbli?	Meta l-appoġġ hu totali?	Kundizzjonijiet?
Każ A	L-għajnuna legali tapplika jekk il-persuna tkun tgħix fuq il-benefiċċji soċjali jew bil-paga minima, u jekk hu/hi ma jkollux/jkollhiex aktar minn proprjetà waħda.	M/A	M/A
Każ B	L-għajnuna legali tapplika jekk il-persuna tkun tgħix fuq il-benefiċċji soċjali jew bil-paga minima, u jekk hu/hi ma jkollux/jkollhiex aktar minn proprjetà waħda.	M/A	M/A

Studju ta' każ	Rifużjoni			
	Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża?	Jekk ir-rifużjoni mhix totali x'perċentwali tkun inġenerali?	Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi?	Hemm xi drabi fejn l-għajnuna legali għandha tiġi rifuża lil xi organizzazzjoni li tagħti għajnuna legali?
Każ A	IVA	Jiddependi mis-sentenza tal-Qorti	Konsultazzjoni privata mal-avukati (spejjeż ġudizzjali żejda)	M/A
Każ B	IVA	Jiddependi mis-sentenza tal-Qorti	Konsultazzjoni privata mal-avukati (spejjeż ġudizzjali żejda)	M/A

Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni		Spejjez oħra speċifiċi għal tilwim transkonfinali?	
					Deskrizzjoni	Spiża approssimattiva?

	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	Spiża approssimattiva?	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	Spiża approssimattiva?		
Każ A	Issir traduzzjoni biss meta waħda mill-partijiet involuti titlobha. It-traduzzjoni ssir biss mill-Malti għall-Ingliż jew bil-maqlub. It-traduzzjonijiet għal lingwi oħrajn għandhom jiġu provduti mill-partijiet għas-spejjeż tagħhom.	€17.47 (hija r-rati fissa li hija mħallsa bħala dritt tar-reġistru għal kull traduzzjoni)	Tapplika biss meta x-xhud la jkun jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż	Bejn €11.65 u €58.23 /siegħa	Spejjeż li jsiru biex tiġi notifikata l-parti li tgħix barra	Jiddependi mid-drittijiet li jintalbu mill-Istati Membri l-oħra
Każ B	Issir traduzzjoni biss meta waħda mill-partijiet involuti titlobha. It-traduzzjoni ssir biss mill-Malti għall-Ingliż jew bil-maqlub. It-traduzzjonijiet għal lingwi oħrajn għandhom jiġu provduti mill-partijiet għas-spejjeż tagħhom.	€17.47 (hija r-rati fissa li hija mħallsa bħala dritt tar-reġistru għal kull traduzzjoni)	Tapplika biss meta x-xhud la jkun jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż	Bejn €11.65 u €58.23 /siegħa	Spejjeż li jsiru biex tiġi notifikata l-parti li tgħix barra	Jiddependi mid-drittijiet li jintalbu mill-Istati Membri l-oħra

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 3 – liġi tal-familja – manteniment - Malta

F'dan l-istudju dwar il-liġi tal-familja – manteniment, l-Istati Membri ntalbu biex jinfurmaw lill-parti li tiftaħ il-kawża dwar l-ispejjeż tal-kawża sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Żewġ persuni ilhom jgħixu flimkien għal għadd ta' snin, mingħajr ma żżewwġu. Għandhom wild ta' tliet snin meta jisseparaw. Deċiżjoni tal-qorti tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm. L-unika kwistjoni pendenti hija dwar l-ammont ta' manteniment li għandha tieħu l-omm mingħand il-missier għas-sostenn u l-edukazzjoni tal-wild. L-omm tiftaħ kawża dwar dan.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali fejn inti avukat fi Stat Membru A: Żewġ persuni kienu qed jgħixu flimkien fi Stat Membru (Stat Membru B). Għandhom wild ta' tliet snin. Jisseparaw. Deċiżjoni tal-qorti fi Stat Membru B tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm. Bi qbil mal-missier, l-omm u l-wild imorru jgħixu fi Stat Membru ieħor (Stat Membru A), fejn jistabbilixxu r-reżidenza tagħhom.

Għad hemm kwistjoni pendenti. Din hija dwar l-ammont ta' manteniment li għandha tieħu l-omm mingħand il-missier għas-sostenn u l-edukazzjoni tal-wild. L-omm tiftaħ kawża dwar dan fi Stat Membru A.

Spejjeż f'Malta

Spejjeż għall-Qorti, Appelli u Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

Studju ta' każ	Qorti			Appelli			ADR	
	Drittijiet inizjali tal-Qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Drittijiet inizjali tal-Qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Din l-għażla hija miftuħa għal dan it-tip ta' każ?	Spejjeż
Każ A	€181.68	M/A	M/A	€98.99	M/A	€116.47	Iva	
Każ B	€181.68	M/A	M/A	98.99		€116.47	Le	

Spejjeż tal-avukat, tal-marixxall u tal-espert

Studju ta' każ	Avukat		Marixxall			Espert	
	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż medji	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż ta' qabel s-sentenza	Spejjeż ta' wara s-sentenza	L-użu huwa mandatorju?	Spiża
		0.5 il-manteniment pagabbli għal perjodu ta' 10 snin 0.5% tal-					

Każ A	Iva	manteniment pagabbli għal perjodu ta' 10 snin liema drittijiet jistgħu jiżdiedu b'1% bi qbil reċiproku bejn il-klijent u l-avukat huwa previst li kwalunkwe dritt li jeċċedi r-rata stabbilita ta' 0.5%	Mhux obbligatorja	M/A	M/A	Le	M/A
Każ B	Iva	Jiddpendi mill-ammont mitlub	Mhux obbligatorja	M/A	M/A	Le	M/A

L-ispejjeż għall-kumpens tax-xhieda, għal rahan jew garanzija u drittijiet oħrajn relevanti

Studju ta' każ	**Kumpens għax-xhieda**		**Rahan jew garanzija**		**Drittijiet oħra**	
	Ix-xhieda jiġu kkumpensati?	**Spiża**	**Dan jeżisti u meta jeżisti kif jintuża?**	**Spiża**	**Deskrizzjoni**	**Spiża**
Każ A	Le	M/A	Mandat kawtelatorju għall-ammont mitlub	€23.28	M/A	M/A
Każ B	Le	M/A	Mandat kawtelatorju għall-ammont mitlub	€23.28	M/A	M/A

Spejjeż għall-għajnuna legali u rifużjonijiet oħra

Studju ta' każ	**Għajnuna Legali**		
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet din hija applikabbli?	**Meta l-appoġġ hu totali?**	**Kundizzjonijiet?**
Każ A	L-għajnuna legali tapplika jekk il-persuna tkun tgħix fuq il-benefiċċji soċjali jew bil-paga minima, u jekk hu/hi ma jkollux/jkollhiex aktar minn proprjetà waħda.	M/A	M/A
Każ B	L-għajnuna legali tapplika jekk il-persuna tkun tgħix fuq il-benefiċċji soċjali jew bil-paga minima, u jekk hu/hi ma jkollux/jkollhiex aktar minn proprjetà waħda.	M/A	M/A

Studju ta' każ	**Rifużjoni**			
	Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża?	**Jekk ir-rifużjoni mhix totali x'perċentwali tkun inġenerali?**	**Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi?**	**Hemm xi drabi fejn l-għajnuna legali għandha tiġi rifuża lil xi organizzazzjoni li tagħti għajnuna legali?**
Każ A	IVA	Jiddependi mis-sentenza tal-Qorti	Konsultazzjoni privata mal-avukati (spejjeż ġudizzjarji żejda)	M/A
Każ B	IVA	Jiddependi mis-sentenza tal-Qorti	Konsultazzjoni privata mal-avukati (spejjeż ġudizzjarji żejda)	M/A

Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Studju ta' każ	**Traduzzjoni**		**Interpretazzjoni**		**Spejjez oħra speċifiċi għal tilwim transkonfinali?**	
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	**Spiża approssimattiva?**	**Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?**	**Spiża approssimattiva?**	**Deskrizzjoni**	**Spiża approssimattiva?**
	Issir traduzzjoni biss meta waħda mill-partijiet involuti titlobha. It-					

Każ A	traduzzjoni ssir biss mill-Malti għall-Ingliż jew bil-maqlub. It-traduzzjonijiet għal lingwi oħrajn għandhom jiġu provduti mill-partijiet għas-spejjeż tagħhom.	€17.47 (hija r-rati fissa li hija mħallsa bħala dritt tar-reġistru għal kull traduzzjoni)	Tapplika biss meta x-xhud la jkun jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż	Bejn €11.65 u €58.23/siegħa	Spejjeż li jsiru biex tiġi notifikata l-parti li tgħix barra	Jiddependi mid-drittijiet li jintalbu mill-Istati Membri l-oħra
Każ B	Issir traduzzjoni biss meta waħda mill-partijiet involuti titlobha. It-traduzzjoni ssir biss mill-Malti għall-Ingliż jew bil-maqlub. It-traduzzjonijiet għal lingwi oħrajn għandhom jiġu provduti mill-partijiet għas-spejjeż tagħhom	€17.47 hija r-rati fissa li hija mħallsa bħala dritt tar-reġistru għal kull traduzzjoni)	Tapplika biss meta x-xhud la jkun jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż	Bejn €11.65 u €58.23/siegħa	Spejjeż li jsiru biex tiġi notifikata l-parti li tgħix barra	Jiddependi mid-drittijiet li jintalbu mill-Istati Membri l-oħra

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 4 – liġi kummerċjali – kuntratt - Malta

F'dan l-istudju dwar id-dritt kummerċjali – kuntratti, l-Istati Membri ntalbu biex jinfurmaw lill-bejjiegħ dwar l-ispejjeż tal-kawża sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Kumpanija wasslet prodotti li jiswew 20,000 euros. Il-bejjiegħ ma tħallasx għaliex ix-xerrej iqis li l-prodotti mhumiex konformi mal-qbil li kien sar.

Il-bejjiegħ jiddeċiedi li jiftaħ kawża biex jikseb il-ħlas kollu tal-prezz.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali: Kumpanija li għandha l-uffiċċju ewlieni tagħha fi Stat Membru B twassal prodotti li jiswew 20,000 euro lil xerrej fi Stat Membru A. Il-kuntratt jaqa' taħt il-liġi ta' Stat Membru B u miktub bil-lingwa ta' Stat Membru B. Dan il-bejjiegħ ma tħallasx għaliex ix-xerrej, li jinsab fi Stat Membru A, iqis li l-prodotti mhumiex konformi mal-qbil li kien sar. Il-bejjiegħ jiddeċiedi li jiftaħ kawża biex jikseb il-ħlas kollu tal-prezz kif stipulat fil-kuntratt max-xerrej.

Spejjeż f'Malta

Spejjeż għall-Qorti, Appelli u Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

Studju ta' każ	Qorti			Appelli			ADR	
	Drittijiet inizjali tal-qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Drittijiet inizjali tal-qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Din l-għażla hija miftuħa għal dan it-tip ta' każ?	Spejjeż
Każ A	€ 680.16		M/A	€ 195.65		M/A	M/A	M/A
Każ B	€ 680.16		M/A	€ 195.65		M/A	M/A	M/A

Spejjeż tal-avukat, tal-marixxall u tal-espert

Studju ta' każ	Avukat		Marixxall			Espert	
	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż medji	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż ta' qabel s-sentenza	Spejjeż ta' wara s-sentenza	L-użu huwa mandatorju?	Spiża
Każ A	IVA	Avukat: €681.53 Prokuratur Legali: €227.18	Mhux obbligatorja	M/A	M/A	Le	M.A
		Avukat: €681.53					

Każ B	IVA	Prokuratur Legali: €227.18	Mhux obbligatorja	M/A	M/A	Le	M/A

L-ispejjeż għall-kumpens tax-xhieda, għal rahan jew garanzija u drittijiet oħrajn relevanti

Studju ta' każ	**Kumpens għax-xhieda**		**Rahan jew garanzija**		**Drittijiet oħra**	
	Ix-xhieda jiġu kkumpensati?	**Spiża**	**Dan jeżisti u meta jeżisti kif jintuża?**	**Spiża**	**Deskrizzjoni**	**Spiża**
Każ A	LE	M/A	Mandat kawtelatorju għad-dejn indikat	€ 46.59	M/A	M/A
Każ B	LE	M/A	Mandat kawtelatorju għad-dejn indikat	€ 46.59	M/A	M/A

Spejjeż għall-għajnuna legali u rifużjonijiet oħra

Studju ta' każ	**Għajnuna Legali**			**Rifużjoni**			
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet din hija applikabbli??	**Meta l-appoġġ hu totali?**	**Kundizjonijiet?**	**Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża?**	**Jekk ir-rifużjoni mhix totali x'perċentwali tkun inġenerali?**	**Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi?**	**Hemm xi drabi fejn l-għajnuna legali għandha tiġi rifuża lil xi organizzazzjoni li tagħti għajnuna legali?**
Każ A	LE	M/A	M/A	IVA	Jiddependi mis-sentenza tal-Qorti	Konsultazzjoni privata mal-avukati (spejjeż ġudizzjarja żejda)	M/A
Każ B	LE	M/A	M/A	IVA	Jiddependi mis-sentenza tal-Qorti	Konsultazzjoni privata mal-avukati (spejjeż ġudizzjarja żejda)	M/A

Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Studju ta' każ	**Traduzzjoni**		**Interpretazzjoni**		**Spejjez oħra speċifiċi għal tilwim transkonfinali?**	
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	**Spiża approssimattiva?**	**Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?**	**Spiża approssimattiva?**	**Deskrizzjoni**	**Spiża approssimattiva?**
Każ A	Meta waħda mill-partijiet tkun titkellem bl-Ingliż	€ 34.94	Tapplika biss meta x-xhud la jkun jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż	Bejn €11.65 u €58.23 / siegħa	Spejjeż li jsiru biex tiġi notifikata l-parti li tgħix barra	Jiddependi mid-drittijiet li jintalbu mill-Istati Membri l-oħra
Każ B	Meta waħda mill-partijiet tkun titkellem bl-Ingliż	€ 34.94	Tapplika biss meta x-xhud la jkun jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż	Bejn €11.65 u €58.23 / siegħa	Spejjeż li jsiru biex tiġi notifikata l-parti li tgħix barra	Jiddependi mid-drittijiet li jintalbu mill-Istati Membri l-oħra

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 5 – liġi kummerċjali – responsabbiltà - Malta

F'dan l-istudju dwar id-dritt kummerċjali – responsabbiltà, l-Istati Membri ntalbu biex jinfurmaw lill-klijent dwar l-ispejjeż tal-kawża sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Manifattur ta' apparat li jsaħħan iwassal ħiter lil installatur. L-installatur min-naħa tiegħu jbiegħ (u jinstalla) l-*heater* lil klijenti biex dan jarma daru. Id-dar tieħu n-nar ftit wara. Kull parteċipant (manifattur tal-apparat tat-tisħin, l-installatur, il-klijent aħħari) għandu assikurazzjoni. L-oriġini tan-nar hija kkontestata. Ħadd ma jrid jagħti kumpens lill-klijent.

Il-klijent jiddeċiedi li jiftaħ kawża għal kumpens sħiħ kontra l-manifattur tal-apparat li jsaħħan, kontra l-installatur tal-apparat li jsaħħan u l-kontra l-kumpaniji tal-assikurazzjoni.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali: Manifattur ta' apparat li jsaħħan fi Stat Membru B iwassal *heater* lil installatur fi Stat Membru C. L-installatur min-naħa tiegħu jbiegħ il-*heater* (u jinstallah) lil klijent fi Stat Membru A biex dan jarma daru. Id-dar tieħu n-nar ftit wara. Kull parteċipant (manifattur tal-apparat tat-tisħin, l-installatur, il-klijent aħħari) għandu assikurazzjoni ta' kumpanija tal-assikurazzjoni fl-Istat Membru tiegħu stess. L-oriġini tan-nar hija kkontestata. Ħadd ma jrid jagħti kumpens lill-klijent.

Il-klijent jiddeċiedi li jiftaħ kawża għal kumpens sħiħ fi Stat Membru A kontra l-manifattur tal-apparat li jsaħħan, kontra l-installatur tal-apparat li jsaħħan u l-kontra l-kumpaniji tal-assikurazzjoni fi Stat Membru A.

Spejjeż f'Malta

Spejjeż għall-Qorti, Appelli u Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

Studju ta' każ	Qorti			Appelli		
	Drittijiet inizjali tal-Qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra	Drittijiet inizjali tal-Qorti	Drittijiet ta' traskrizzjoni	Drittijiet oħra
Każ A	Minimu ta'€712.77 (jiddependi wkoll mill-valur mitlub)		M/A	€ 195.65		M/A
Każ B	Minimu ta' €712.77 (jiddependi wkoll mill-valur mitlub)		M/A	€ 195.65		M/A

Spejjeż tal-avukat, tal-marixxall u l-perit

Studju ta' każ	Avukat		Marixxall			Espert	
	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż medji	Ir-rappreżentazzjoni hija mandatorja?	Spejjeż ta' qabel s-sentenza	Spejjeż ta' wara s-sentenza	L-użu huwa mandatorju?	Spiża
Każ A	IVA	Jiddependi mill-ammont mitlub	Mhux obbligatorja	M/A	M/A	Mhux obbligatorju, imma f'dan il-każ huwa probabbli	Jiddependi mill-valur mitlub
Każ B	IVA	Jiddependi mill-ammont mitlub	Mhux obbligatorja	M/A	M/A	Mhux obbligatorju, imma f'dan il-każ huwa probabbli	Jiddependi mill-valur mitlub

L-ispejjeż għall-kumpens tax-xhieda, għal rahan jew garanzija u drittijiet oħrajn relevanti

Studju ta' każ	Kumpens għax-xhieda		Rahan jew garanzija		Drittijiet oħra	
	Ix-xhieda jiġu kkumpensati?	Spiża	Dan jeżisti u meta jeżisti kif jintuża?	Spiża	Deskrizzjoni	Spiża
Każ A	LE	M/A	Ma japplikax għaliex il-valur mitlub mhuwiex kwantifikat	M/A	M/A	M/A
Każ B	LE	M/A	Ma japplikax għaliex il-valur mitlub mhuwiex kwantifikat	M/A	M/A	M/A

Spejjeż għall-għajnuna legali u rifużjonijiet oħra

Studju ta' każ	Għajnuna Legali		
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet din hija applikabbli?	Meta l-appoġġ hu totali?	Kundizjonijiet?
Każ A	L-għajnuna legali tapplika jekk il-persuna tkun tgħix fuq il-benefiċċji soċjali jew bil-paga minima, u jekk hu/hi ma jkollux/jkollhiex aktar minn proprjetà waħda.	M/A	M/A

Każ B	L-għajnuna legali tapplika jekk il-persuna tkun tgħix fuq il-benefiċċji soċjali jew bil-paga minima, u jekk hu/hi ma jkollux/jkollhiex aktar minn proprjetà waħda	M/A	M/A

Studju ta' każ	**Rifużjoni**			
	Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża?	**Jekk ir-rifużjoni mhix totali x'perċentwali tkun inġenerali?**	**Liema spejjeż qatt ma jiġu rifużi?**	**Hemm xi drabi fejn l-għajnuna legali għandha tiġi rifuża lil xi organizzazzjoni li tagħti għajnuna legali?**
Każ A	IVA	Jiddependi mis-sentenza tal-Qorti	Konsultazzjoni privata mal-avukati (spejjeż ġudizzjarji żejda)	M/A
Każ B	IVA	Jiddependi mis-sentenza tal-Qorti	Konsultazzjoni privata mal-avukati (spejjeż ġudizzjarji żejda)	M/A

Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Studji ta' każ	**Traduzzjoni**		**Interpretazzjoni**		**Spejjez oħra speċifiċi għal tilwim transkonfinali?**	
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?	**Spiża approssimattiva?**	**Meta u taħt liema kundizzjonijiet huma neċessarji?**	**Spiża approssimattiva?**	**Deskrizzjoni**	**Spiża approssimattiva?**
Każ A	Meta waħda mill-partijiet tkun titkellem bl-Ingliż	€ 34.94	Tapplika biss meta x-xhud la jkun jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż	Bejn €11.65 u €58.23 / siegħa	Spejjeż li saru biex tiġi notifikata l-parti li tgħix barra	Jiddependi mid-drittijiet li jintalbu mill-Istati Membri l-oħra
Każ B	Meta waħda mill-partijiet tkun titkellem bl-Ingliż	€ 34.94	Tapplika biss meta x-xhud la jkun jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż	Bejn €11.65 u €58.23 / siegħa	Spejjeż li saru biex tiġi notifikata l-parti li tgħix barra	Jiddependi mid-drittijiet li jintalbu mill-Istati Membri l-oħra.

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.